**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 24 ta' Mejju 2021.**

**Rikors Nru. 827/2020 GM**

**Dr Aloisia De Trafford (K.I. 280973M)**

**vs**

**Jasper De Trafford (K.I. 184175M)**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tal-attriċi waqt l-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2020 għan-nomina ta' perit tekniku biex jagħmel stima tal-immobbli hemm deskritt a spejjeż tal-konvenut (fol 217).

Rat in-nota tal-attriċi tat-12 ta' Ottubru 2020 (fol 219).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut tat-22 ta' Jannar 2021 (fol 246).

Ikkonsidrat :

Skont Art 668(2) Kap 12 meta l-ħatra ta' perit tekniku tkun mitluba mill-attur sabiex jipprova fatt li fuqu jibbaża t-talba tiegħu, "id-dritt tal-perit **għandu** jiġi provviżorjament, imħallas jew iddepożitat mill-attur stess." Il-liġi għalhekk hi tassattiva f' dan ir-rigward u ma tħalli l-ebda diskrezzjoni f' idejn il-Qorti.

Tistabbilixxi s-sentenza ċċitata mill-attriċi ma tirrigwardax ħlas proviżorju u ma tenunċja l-ebda prinċipju ġenerali li min jitlob ħlas ta' leġittima (illum porzjon riservat) m'għandux iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

F'dik is-sentenza l-Qorti ddeċidiet li jkun ġust u ekwu li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dak il-każ, il-leġittimarju ma jħallasx l-ispejjeż tal-kawża. Dan apparti li l-Qorti kienet qed tagħmel pronunzjament dwar l-ispejjeż **fis-sentenza finali** u mhux dwar ħlas **proviżorju**. Il-pronunzjamenti li nsibu fis-sentenzi għandhom jittieħdu fil-kuntest tagħhom apparti li ma jorbtux lill-Qrati oħra bid-dottrina tal-preċedent. Dak li jorbot idejn il-Qorti hi, fis-sistema tagħha, il-liġi – u xejn iżjed.

Skont Art 620(1) tal-Kodiċi Ċivili, it-testatur ma jistax jgħaddi s-sehem riżervat b' xi piż jew kondizzjoni. B'danakollu ma ssemmi xejn dwar l-ispejjeż ta' kawżi li wieħed jista' jagħmel għat-talba tal-ħlas tas-sehem riżervat. Il-Qorti għalhekk timxi, f' każijiet bħal dawn, skont il-prinċipji ġenerali applikabbli fl-allokazzjoni tal-ispejjeż tal-kawżi kemm fi provvediment proviżorju kif ukoll fi pronunzjament **finali u definittiv**. Filwaqt li wieħed jifhem li fejn si tratta ta' sehem riżervat il-benefiċċjaru m'għandux ibati spejjeż bħala regola ġenerali, pronunzjament definittiv jista' jkun hemm raġuni l-għala l-Qorti ġġegħlu jħallas l-ispejjeż jew parti minnhom; per eżempju jekk l-attur jitlob ammont esaġerat għal-"leġittima" jew ikun irrifjuta ammont offrut lilu bħala ħlas tas-sehem riżervat li mbagħad jingħatalu fis-sentenza.

Il-premess qiegħed jinghad biex il-kwistjoni titqiegħed fil-prespettiva tagħha, għaliex, kif ġja ngħad, fi kwalunkwe każ, ma tapplikax għall-ħlas **proviżorju** tad-dritt ta' perit ġudizzjarju.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti m' għandha l-ebda għażla għajr li tiċħad it-talba tal-attriċi biex il-konvenut iħallas id-dritt eventwali tal-perit tekniku.

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF